VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,765, 25 ta' April, 2017

Taqsima B

A.L 116 tal-2017

ATT DWAR IL-ĦABS
(KAP. 260)

Regolamenti tal-2017 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġurament tal-Kariga (Uffiċjali tal-Ħabs)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Ħabs, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: –

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġurament tal-Kariga (Uffiċjali tal-Ħabs) u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġurament tal-Kariga (Uffiċjali tal-Ħabs), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 260.05

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "minn tletin jum mid-data meta jiġu fis-seħħ dawn ir-regolamenti," għandhom jidħlu l-kliem "mill-31 ta' Lulju 2017".